

Brussell, 19 ta' Mejju 2020  
(OR. en)

8122/20

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2020/0096(NLE)**

---

---

**AVIATION 85  
CLIMA 88  
RELEX 349**

#### **NOTA TA' TRASMISSJONI**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	19 ta' Mejju 2020
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2020) 219 final
Suġġett:	Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915 fir-rigward tal-perjodu referenzjarju maħsub biex jintuża għall-kejl tat-tkabbir tal-emissjonijiet tas-CO <sub>2</sub> , biex jitqiesu l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 fil-kuntest tal-iskema CORSIA

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 219 final.

---

Mehmuż: COM(2020) 219 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 19.5.2020  
COM(2020) 219 final

2020/0096 (NLE)

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915 fir-rigward tal-perjodu referenzjarju maħsub biex jintuża għall-kejl tat-tkabbir tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, biex jitqiesu l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 fil-kuntest tal-iskema CORSIA**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. SUĠĠETT TAL-PROPOSTA

Din il-proposta – adottata bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19 – tikkonċerna deċiżjoni li tadatta l-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) dwar l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSA) fir-rigward tal-perjodu referenzjarju tagħha għall-kejl tat-tkabbir tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> (“linja bażi”).

### 2. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### 2.1. Il-Konvenzjoni ta' Chicago u l-Ftehim ta' Pariġi

Il-Konvenzjoni ta' Chicago (“il-Konvenzjoni”) għandha l-għan li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru. Daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947 u stabbiliet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).

F'Diċembru 2015, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima adottat il-Ftehim ta' Pariġi, li l-objettiv tiegħu huwa li ż-żieda fit-temperatura globali tiġi limitata għal ferm inqas minn 2 °C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali, u biex jitkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C. Is-setturi kollha tal-ekonomija, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali, jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jinkiseb dan it-tnaqqis tal-emissjonijiet.

L-Istati Membri kollha tal-UE huma partijiet għaż-żewġ Ftehimiet. L-UE u l-Istati Membri tagħha huma Partijiet għall-Ftehim ta' Pariġi u b'mod konġunt hađu l-impenn li jnaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra tagħhom.

#### 2.2. L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali

L-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali hija aġenzija speċjalizzata tan-Nazzjonijiet Uniti. L-għanijiet u l-objettivi tal-Organizzazzjoni huma l-iżvilupp tal-prinċipji u tat-tekniki tan-navigazzjoni internazzjonali bl-ajru u t-trawwim tal-ippjanar u tal-iżvilupp tat-trasport internazzjonali bl-ajru. L-UE hija osservatur *ad hoc* f'ħafna korpi tal-ICAO (l-Assemblea u korpi tekniċi oħra).

#### 2.3. L-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSA)

L-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati (SARPs), il-Ħarsien Ambjentali – l-Iskema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSA) ġew adottati bħala l-Volum IV tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni ta' Chicago mill-Kunsill tal-ICAO fil-214-il Sessjoni tiegħu fis-27 ta' Ġunju 2018.

Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027<sup>1</sup>, l-Istati Membri nnotifikaw id-differenzi lill-ICAO. Dawn id-differenzi bejn id-Direttiva 2003/87/KE u l-iskema CORSA jinkludu, b'mod partikolari, li d-Direttiva 2003/87/KE tapplika irrispettivament min-nazzjonalità tal-operaturi tal-ajruplani. Fil-prinċipju, din tkopri t-titjiriet li jitolqu minn ajrudrom li jinsab fit-territorju

---

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali – Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSA), ĠU L 325, 20.12.2018, p. 25.

ta' Stat Membru li għalih japplika t-Trattat, jew li jaslu f'tali ajrudrom. Tapplika mingħajr distinzjoni għat-titjiriet fi ħdan l-Istati Membri u/jew il-pajjiżi taż-ŻEE u bejniethom.

Il-paragrafu 3.2 tal-Parti II tas-SARPs (“rekwiżiti ta’ kumpens tas-CO<sub>2</sub>”) jispeċifika “linja bażi” tal-medja tal-emissjonijiet annwali tas-CO<sub>2</sub> matul l-2019 u l-2020 għar-rotot koperti mill-iskema CORSIA.

### 3. POŻIZZJONI LI TRID TITTEĦED F’ISEM L-UNJONI

#### 3.1. Sfond

Il-kwistjoni hawnhekk hija l-kunsiderazzjoni tal-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq il-linja bażi tal-iskema CORSIA li tintuża biex jiġu ddeterminati r-rekwiżiti ta’ kumpens futuri għall-operaturi tal-ajruplani sabiex jinkiseb tkabbir newtrali fil-karbonju mill-2020.

Il-pandemija tal-COVID-19 li għaddejja bħalissa se twassal ċertament għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni internazzjonali fl-2020. Il-pandemija se twassal għal linja bażi tal-iskema CORSIA li tkun ferm iktar baxxa, sakemm id-definizzjoni tal-linja bażi tal-iskema CORSIA ma tiġix rieżaminata, u tkun tinvolvi rekwiżiti ta’ kumpens oġġla. Dan, naturalment, jiddependi wkoll mir-rata ta’ rkupru tat-traffiku tal-ajru internazzjonali u mill-iżvilupp tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mit-traffiku tal-ajru internazzjonali.

Il-Kumitat dwar l-Avjazzjoni u l-Ħarsien Ambjentali (CAEP) tal-ICAO wettaq analiżi tal-ordni ta’ kobor li għandha l-għan li tikkwantifika l-impatt tal-pandemija tal-COVID-19 fuq id-domanda għall-unitajiet ta’ emissjonijiet (kumpensi) skont l-iskema CORSIA, abbażi ta’ xenarji differenti, u li tesplora diversi opzjonijiet għal-linja bażi.<sup>2</sup>

Permezz tal-analiżi tas-CAEP, li kkunsidrat l-opzjonijiet tal-linja bażi li jvarjaw mill-*istatus quo*, minflok jintużaw l-emissjonijiet tal-2019 jew medja tal-emissjonijiet fuq iktar snin jew saħansitra stimi estrapolati tal-emissjonijiet tal-2020 li kieku ma kien hemm l-ebda kriżi, *ħareġ, inter alia*, li

- fl-2020, l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> jistgħu jkunu madwar 40 % inqas mil-livelli antiċipati fl-2016;
- l-emissjonijiet referenzjarji għal-linja bażi attwali tal-iskema CORSIA jistgħu jkunu madwar 18 % inqas meta mqabbla mal-livelli tal-2019;
- linja bażi iktar baxxa tista’ tirriżulta f’impatt sostanzjali fuq ir-rekwiżiti ta’ kumpens totali:
  - il-Fażi Pilota (2021-2023): minn +280 % f’xenarju ta’ rkupru b’għamla ta’ V għal +150 % f’xenarju ta’ rkupru b’għamla ta’ U b’telf permanenti;
  - il-Fażijiet Kollha (2021-2035): minn +45 % f’xenarju ta’ rkupru b’għamla ta’ V għal –24 % f’xenarju ta’ rkupru b’għamla ta’ U b’telf permanenti;
- tibdil tal-linja bażi għall-2019 jista’ jirriżulta f’rekwiżiti ta’ kumpens totali:
  - il-Fażi Pilota (2021-2023): sa zero jew qrib iż-zero sal-2023 fix-xenarji tal-COVID-19, u

<sup>2</sup> L-IATA, l-ICSA u organizzazzjonijiet oħra wkoll wettqu studji relatati. Ara, pereżempju: <https://www.iata.org/en/policy/environment/corsia/> jew [https://www.edf.org/sites/default/files/documents/COVID\\_CORSIA\\_baseline\\_analysis.pdf](https://www.edf.org/sites/default/files/documents/COVID_CORSIA_baseline_analysis.pdf)

- il-Fażijiet Kollha (2021-2035): minn -9 % f'xenarju ta' rkupru b'għamla ta' għal -32 % f'xenarju ta' rkupru b'għamla ta' U b'telf permanenti. V

Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Tmexxija tas-CAEP tal-11 ta' Mejju 2020, l-analiżi tal-ordni ta' kobor ġiet approvata b'mod unanimu biex tiġi kkunsidrata mill-Kunsill tal-ICAO waqt il-220 Sessjoni tiegħu f'Ġunju 2020.

### 3.2. Pożizzjoni proposta

Filwaqt li jitqiesu l-effettività ambjentali b'rabta mal-għan tal-ICAO li jiġi żgurat tkabbir newtrali fil-karbonju mill-2020, il-ħtieġa li jiġi żgurat appoġġ għall-iskema CORSIA fiċ-ċirkostanzi li nħolqu mill-pandemija tal-COVID-19, u biex jiġi evitat tfixkil fl-elementi ewlenin tad-disinn tal-iskema CORSIA, kif ukoll fil-proċess ġuridiku fl-ICAO, approċċ inizzjali prudenti, ibbażat fuq l-informazzjoni disponibbli attwalment<sup>3</sup>, ikun li jiġi aċċettat, jekk ikun meħtieġ, l-aġġustament tad-disinn tal-iskema CORSIA biex l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-avjazzjoni internazzjonali koperti mill-iskema CORSIA matul l-2019 biss jiġu stabbiliti bħala l-linja bażi.

Jekk il-Kunsill tal-ICAO jiddeċiedi li jaġġusta l-linja bażi tal-iskema CORSIA matul din is-sessjoni, jintbagħat sinjal li l-ICAO, b'mod attiv, qed tieħu passi biex tadatta għall-kriżi u tippreserva l-appoġġ tal-Istati għall-iskema CORSIA u l-parteciġipazzjoni tagħhom fiha. Sabiex l-urġenza li tittieħed deċiżjoni tiġi bbilanċjata mal-ħtieġa li tiġi żgurata l-konformità mar-regoli ta' governanza tal-ICAO, tali deċiżjoni mill-Kunsill tal-ICAO tista' tiġi segwita minn konsultazzjoni skattata permezz ta' Ittra lill-Istati u mill-adozzjoni formali fis-Sessjoni ta' wara (il-221 waħda) tal-Kunsill tal-ICAO.

Jaf ikun xieraq li jsiru ċerti aġġustamenti relatati fir-rigward tal-elementi tad-disinn tal-iskema CORSIA, fosthom:

- aġġustament korrispondenti tal-opzjoni li l-emissjonijiet tal-2020 jintużaw bħala referenza biex jiġu kkalkolati r-reqwiziti ta' kumpens matul l-hekk imsejħa "fażi pilota", jiġifieri l-ewwel tliet snin ta' parteciġipazzjoni volontarja (2021-2023);
- kjarifika li, fil-kalkolu tar-reqwiziti ta' kumpens għal sena partikolari, il-Fattur ta' Tkabbir Settorjali ma jistax ikun negattiv, u b'hekk jiġi evitat li kwalunkwe reqwizit ta' kumpens negattiv f'sena waħda jikkanċella r-reqwiziti pożittivi f'sena oħra tal-istess perjodu ta' konformità.

Xi pajjiżi indikaw li jaf jippruvaw jużaw l-opportunità ta' tibdil possibbli tal-linja bażi biex jitolbu li jkun hemm linji bażi differenti għal pajjiżi differenti, skont il-livell ta' żvilupp tagħhom, is-sena meta ssieħbu fl-iskema CORSIA jew kriterji oħra. Tali tibdil imur kontra l-prinċipji tar-Riżoluzzjoni A40-19 u l-Konvenzjoni ta' Chicago u l-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni tagħha, u jwassal għal riskji kbar ta' tfixkil tal-iskema CORSIA.

Jekk il-livell ta' traffiku u tal-emissjonijiet assoċjati ta' qabel il-kriżi jidm diversu snin biex jintlaħaq, linja bażi oġġla tal-emissjonijiet tal-2019 x'aktarx li ma twassal għall-ebda reqwizit ta' kumpens jew twassal għal ftit reqwiziti ta' kumpens matul il-fażi pilota. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitfakkar li r-Riżoluzzjoni A40-19 tal-Assemblea tippredvi rieżami tal-iskema CORSIA kull tliet snin – ir-rieżami li jmiss huwa fl-2022. Din tispeċifika li jenħtieġ li r-rieżamijiet jinkludu valutazzjoni tal-progress li jkun sar biex jinkiseb l-għan li l-ICAO qed taspira għalih, jiġifieri li l-emissjonijiet globali netti tal-karbonju mill-avjazzjoni internazzjonali mill-2020 jinżammu fl-istess livell; tal-impatt fis-suq u tal-kostijiet tal-iskema fuq l-Istati u fuq l-operaturi tal-ajruplani, kif ukoll fuq l-avjazzjoni internazzjonali; u tal-

<sup>3</sup> B'mod partikolari mis-CAEP tal-ICAO.

funzjonament tal-elementi tad-disinn tal-iskema; u jikkunsidraw it-titjib tal-iskema li jappoġġa l-iskop tal-Ftehim ta' Pariġi, b'mod partikolari l-għanijiet fit-tul tiegħu rigward it-temperatura; u jikkunsidraw ukoll l-aġġornament tal-elementi tad-disinn tal-iskema biex tittejjeb l-implimentazzjoni, tiżdied l-effettività, u tiġi minimizzata d-distorsjoni tas-suq.

Ir-rilevanza ta' tali rieżami hija enfasizzata mill-hteġa li tiġi żgurata l-konsistenza ma' għan aspirazzjonali fit-tul ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> li jrid jiġi kkunsidrat mill-Assemblea.

Skont ir-rata ta' rkupru tat-traffiku tal-ajru internazzjonali u kemm l-iskema CORSIA tikkontribwixxi biex jintlaħaq għan aspirazzjonali fit-tul ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, jista' jkun rilevanti li fl-okkażjoni ta' rieżami futur, jerġa' jiġi eżaminat il-livell ta' ambizzjoni tal-iskema CORSIA, u potenzjalment tiġi inkluża l-kwistjoni tal-linja bażi. Iż-żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-iskema CORSIA tkun konsistenti mal-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita fid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915.

Tibdil fil-pożizzjoni tal-Unjoni dwar l-iskema CORSIA, minħabba l-pandemija tal-COVID-19, fih innifsu ma jaffettwax l-appoġġ tal-UE għall-politika sottostanti rigward l-għan aspirazzjonali tal-ICAO ta' tkabbir newtrali fil-karbonju mill-2020, kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni A40-19 tal-Assemblea.

#### **4. KONSISTENZA MA' POLITIKI OĦRA TAL-UNJONI**

Id-Deċiżjoni proposta hija konsistenti u komplementari ma' politiki oħra tal-Unjoni, b'mod partikolari l-politiki tal-enerġija, tal-ambjent u tat-trasport.

#### **5. BAŻI ĠURIDIKA**

##### **5.1. Bażi ġuridika proċedurali**

###### *5.1.1. Prinċipji*

L-Artikolu 218(9) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jipprevedi deċiżjonijiet li jistabbilixxu "*l-pożizzjonijiet li għandhom jiġu adottati f'isem l-Unjoni f'sede stabbilita fi ftehim, meta dik is-sede tintalab tadotta atti li jkollhom effetti legali, sakemm dawn ma jkunux atti li jissupplimentaw jew jemendaw il-qafas istituzzjonali tal-ftehim*".

L-Artikolu 218(9) tat-TFUE japplika irrispettivament minn jekk l-Unjoni hijiex membru tal-korp jew parti għall-ftehim<sup>4</sup>.

###### *5.1.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-att (l-SARPs tal-iskema CORSIA) li l-Kunsill tal-ICAO jista' jintalab jemenda jikkonstitwixxi att b'effetti legali. L-att previst huwa kapaċi li jinfluwenza b'mod deċiżiv il-kontenut tal-leġiżlazzjoni tal-UE, b'mod partikolari d-Direttiva 2003/87/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. L-att previst ma jissupplimentax jew ma jemendax il-qafas istituzzjonali tal-Ftehim.

Għalhekk, il-baży ġuridika proċedurali għad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

---

<sup>4</sup> Il-paragrafu 64 tas-Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-7 ta' Ottubru 2014, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill, C-399/12, ECLI:EU:C:2014:2258.

## **5.2. Bażi ġuridika sostantiva**

F'konformità mal-Artikolu 192(1) u 191 tat-TFUE, l-Unjoni Ewropea għandha tikkontribwixxi, *inter alia*, għat-tweqqi tal-objettivi li ġejjin: is-salvagwardja, il-ħarsien u t-titjib tal-kwalità tal-ambjent; il-promozzjoni ta' miżuri fil-livell internazzjonali sabiex jittrattaw problemi ambjentali reġjonali jew globali, u b'mod partikolari li jiġġieldu l-bidla fil-klima.

### *5.2.1. Prinċipji*

Il-bażi ġuridika sostantiva għal deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE tiddependi primarjament fuq l-objettiv u fuq il-kontenut tal-att previst li fir-rigward tiegħu tittieħed pożizzjoni f'isem l-Unjoni. Jekk l-att previst ikollu żewġ għanijiet jew żewġ komponenti, u jekk wieħed minn dawk l-għanijiet jew minn dawk il-komponenti jkun jista' jiġi identifikat bħala dak ewlieni, filwaqt li l-ieħor ikun sempliċement wieħed inċidentali, id-deċiżjoni skont l-Artikolu 218(9) tat-TFUE trid tissejjes fuq bażi ġuridika sostantiva unika, jiġifieri dik meħtieġa mill-għan jew mill-komponent ewlieni jew predominanti.

### *5.2.2. Applikazzjoni għal dan il-każ*

L-objettiv u l-kontenut ewlieni tal-att previst huma relatati mal-politika dwar il-klima, fil-kuntest tal-avjazzjoni internazzjonali.

Għaldaqstant, il-bażi ġuridika sostantiva tad-deċiżjoni proposta hija l-Artikolu 192(1) tat-TFUE.

## **5.3. Konklużjoni**

Jenħtieġ li l-bażi ġuridika tad-deċiżjoni proposta tkun l-Artikolu 192(1) tat-TFUE, flimkien mal-Artikolu 218(9) tat-TFUE.

Proposta għal

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915 fir-rigward tal-perjodu referenzjarju maħsub biex jintuża għall-kejl tat-tkabbir tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, biex jitqiesu l-konsegwenzi tal-pandemija tal-COVID-19 fil-kuntest tal-iskema CORSIA**

### IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b' mod partikolari l-Artikolu 192(1), flimkien mal-Artikolu 218(9) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Konvenzjoni ta' Chicago dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("il-Konvenzjoni"), li għandha l-għan li tirregola t-trasport internazzjonali bl-ajru, daħlet fis-seħħ fl-4 ta' April 1947. Stabbiliet l-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO).
- (2) L-Istati Membri kollha tal-Unjoni huma Stati Kontraenti tal-Konvenzjoni u membri tal-ICAO, filwaqt li l-Unjoni għandha status ta' osservatur f'ċertu korpi tal-ICAO.
- (3) F'Diċembru 2015, il-21 Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima adottat il-Ftehim ta' Pariġi li l-objettiv tiegħu huwa li ż-żieda fit-temperatura globali tiġi limitata għal ferm inqas minn 2 °C meta mqabbla mal-livelli preindustrijali, u biex jtkomplew l-isforzi biex iż-żieda fit-temperatura tiġi limitata għal 1,5 °C. Is-setturi kollha tal-ekonomija, inkluż l-avjazzjoni internazzjonali, jenħtieġ li jikkontribwixxu biex jinkiseb dan it-tnaqqis tal-emissjonijiet.
- (4) Fl-2016, id-39 Assemblea tal-ICAO ddeċidiet, permezz tar-Risoluzzjoni A39-3 tagħha, li tiżviluppa mekkaniżmu globali bbażat fuq is-suq biex l-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-avjazzjoni internazzjonali jiġu limitati għal-livelli tal-2020. Il-pożizzjoni tal-Unjoni fir-rigward tal-elaborazzjoni u l-adozzjoni ta' dak il-mekkaniżmu u tad-diversi elementi dettaljati tiegħu ġiet stabbilita bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915<sup>1</sup>. Din id-deċiżjoni tirrifletti l-fatt li d-deċiżjonijiet rilevanti adottati mill-Kunsill tal-ICAO, korp stabbilit permezz ta' ftehim, għandhom effetti legali. Dawn jistgħu jsiru vinkolanti f'konformità mal-Konvenzjoni, u skont il-limiti stabbiliti fiha, u jistgħu jsiru vinkolanti wkoll għall-Unjoni u għall-Istati Membri tagħha skont ftehimiet eżistenti tat-trasport internazzjonali bl-ajru.
- (5) Fis-27 ta' Ġunju 2018, waqt l-għaxar laqgħa tal-214-il sessjoni tiegħu, il-Kunsill tal-ICAO adotta l-Ewwel Edizzjoni tal-Volum IV tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni: l-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali –

<sup>1</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915 tat-30 ta' Mejju 2016 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-istrument internazzjonali li għandu jiffassal fi ħdan il-korpi tal-ICAO u maħsub biex iwassal għall-implimentazzjoni mill-2020 ta' miżura globali unika bbażata fuq is-suq għall-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali (ĠU L 153, 10.6.2016, p. 32).

Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali ("CORSA"). Dan it-test jistabbilixxi *inter alia* l-valuri tal-emissjonijiet li ntużaw biex jiġu kkalkolati l-fatturi ta' tkabbir (kemm il-Fattur ta' Tkabbir tas-Settur kif ukoll il-Fatturi ta' Tkabbir tal-Operaturi tal-Ajruplani). Dawn il-valuri huma ddeterminati bħala l-medja tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> tal-avjazzjoni internazzjonali koperti mill-iskema CORSA matul l-2019 u l-2020 (fil-livell tas-settur u fil-livell tal-operaturi tal-ajruplani individwali).

- (6) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027<sup>2</sup>, l-Istati Membri nnotifikaw lill-ICAO bid-differenzi bejn id-Direttiva 2003/87/KE u dawn l-Istandards u l-Prattiki Rakkomandati.
- (7) Il-pandemija tal-COVID-19 li għaddejjja bħalissa se twassal għal tnaqqis sostanzjali fl-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mill-avjazzjoni internazzjonali fl-2020<sup>3</sup>. Għaldaqstant se twassal ukoll għal valuri tal-emissjonijiet tal-iskema CORSA ferm iktar baxxi li jintużaw biex jiġu kkalkolati l-fatturi ta' tkabbir<sup>4</sup>. Sakemm dawn il-valuri ma jiġux emendati, dan jista' jirriżulta f'rekwiżiti ta' kumpens ferm oġhla, u dan jiddependi mir-rata ta' rkupru tat-traffiku tal-ajru internazzjonali u mill-iżvilupp tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> mit-traffiku tal-ajru internazzjonali.
- (8) X'aktarx, u huwa tabilħaqq importanti, li matul il-220 Sessjoni tiegħu bejn it-8 u s-26 ta' Ġunju 2020, il-Kunsill tal-ICAO jieħu deċiżjoni fir-rigward tal-emendar tal-valuri tal-emissjonijiet li jintużaw biex jiġu kkalkolati l-fatturi ta' tkabbir skont l-iskema CORSA, preċiżament fir-rigward tal-perjodu referenzjarju kkunsidrat ("perjodu tal-linja bażi"). Alternattivament, tista' tittieħed deċiżjoni finali rigward din il-kwistjoni fis-Sessjoni ta' wara (il-221 waħda) tal-Kunsill tal-ICAO. Dan ix-xenarju jista' jitwettagħ, b'mod partikolari, jekk il-Kunsill tal-ICAO jqis li tali deċiżjoni għandha tiġi preċeduta minn konsultazzjoni skattata permezz ta' Ittra lill-Istati.
- (9) Bħal fil-każ tal-iskema CORSA stess, kwalunkwe emenda għat-termini tikkostitwixxi deċiżjoni meħuda minn korp stabbilit permezz ta' ftehim u li jkollha effetti legali.
- (10) Filwaqt li b'mod konsistenti l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha kienu favur mira ta' tnaqqis globali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-avjazzjoni internazzjonali li ma tkunx oġhla mil-livelli tal-2020, f'dawn iċ-ċirkostanzi jidher li referenza għall-2019 bħala l-perjodu tal-linja bażi hija l-eqreb indikatur possibbli bbażat fuq *data* reali sabiex jiġi rifless l-għan fit-tul tal-ICAO ta' tkabbir newtrali fil-karbonju mill-2020, kif stabbilit fir-Riżoluzzjoni A 39-3. F'dan l-isfond, bil-ħsieb li jiġu ppreservati l-appoġġ suffiċjenti u l-elementi ewlenin tad-disinn tal-iskema CORSA, u abbażi tal-informazzjoni disponibbli attwalment, jidher li jaqbel li jiġi aċċettat li s-sena kalendarja 2019 titqies bħala l-perjodu uniku tal-linja bażi.

---

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2018/2027 tad-29 ta' Novembru 2018 dwar il-pożizzjoni li għandha tittieħed f'isem l-Unjoni Ewropea fl-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, fir-rigward tal-Ewwel Edizzjoni tal-Istandards Internazzjonali u l-Prattiki Rakkomandati dwar il-Ħarsien Ambjentali – Skema ta' Kumpens u Tnaqqis tal-Karbonju għall-Avjazzjoni Internazzjonali (CORSA), ĠU L 325, 20.12.2018, p. 25.

<sup>3</sup> Fl-2020, l-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> jistgħu jkunu madwar 40 % inqas mil-livelli antiċipati fl-2016 (is-CAEP tal-ICAO, il-11 ta' Mejju 2020).

<sup>4</sup> L-emissjonijiet referenzjarji għal-linja bażi tal-iskema CORSA jistgħu jkunu madwar 18 % inqas meta mqabbla mal-livelli tal-2019 (is-CAEP tal-ICAO, il-11 ta' Mejju 2020).

- (11) Jenħtieġ li ma tiġix appoġġata l-alternattiva li ssemmiet fid-dibattitu attwali, li jiġu stabbiliti linji bażi differenti għal pajjiżi differenti, skont il-livell ta' żvilupp tagħhom, is-sena meta ssieħbu fl-iskema CORSIA jew kriterji oħra. Din kieku tikser il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, kif imfakkar fir-Riżoluzzjoni A40-19, u tista' tipperikola l-kumpliment tal-eżistenza tal-iskema CORSIA fil-forma attwali tagħha.
- (12) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915 tiġi emendata sabiex l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jkunu jistgħu jaċċettaw is-sena kalendarja 2019 bħala l-perjodu uniku tal-linja bażi.
- (13) Il-prinċipju ta' rieżami regolari jibqa' japplika. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitfakkar li r-Riżoluzzjoni A40-19 tal-Assemblea tippredvi rieżami tal-iskema CORSIA kull tliet snin – ir-rieżami li jmiss huwa fl-2022. Ir-rilevanza ta' tali rieżami tiżdied iktar ma s-settur idum biex jilħaq il-livell ta' traffiku u tal-emissjonijiet assoċjati ta' qabel il-kriżi. F'każ ta' rkupru bil-mod, il-linja bażi tal-emissjonijiet tal-2019 x'aktarx li ma twassal għall-ebda rekwiżit ta' kumpens jew twassal għal fit rekwiżiti ta' kumpens matul il-“fażi pilota” tal-iskema CORSIA (2021-2023)<sup>5</sup>. Ir-rilevanza ta' tali rieżami hija enfasizzata mill-ħtieġa li tiġi żgurata l-konsistenza ma' għan aspirazzjonali fit-tul ta' tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub> li jrid jiġi kkunsidrat mill-Assemblea.
- (14) Fir-rigward tas-setturi kollha tal-ekonomija li jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-CO<sub>2</sub>, mill-2012 'l hawn, l-avjazzjoni kkontribwiet permezz tal-inklużjoni tagħha fl-iskema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet. Il-Kummissjoni se tgħarraf lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill u se tippreżenta proposta biex tiġi implimentata l-iskema CORSIA, kif ikun xieraq, li tkun konsistenti mal-iżgurar tal-kontribut tal-avjazzjoni favur l-impenn tal-Unjoni biex sal-2030 l-emissjonijiet tal-gassijiet serra jonqsu fis-setturi kollha tal-ekonomija.
- (15) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915 jenħtieġ li tiġi emendata skont dan.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2016/915 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*

---

<sup>5</sup> Is-CAEP tal-ICAO, il-11 ta' Mejju 2020.